V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8838 — Kerry Group/Korys Investments/Proparent)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 117/04)

1. Fid-19 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Korys Investimenti NV ("Korys", il-Belġju), li hija proprjetà ta' Colruyt Group;

— Kerry Group Plc ("Kerry", l-Irlanda);

— Proparent NV ("Proparent", in-Netherlands, azzjonista 100 % ta' Ojah BV.

Korys u Kerry jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Proparent, li bħalissa hija kkontrollata unikament minn Korys.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Korys: investimenti f'firxa wiesgħa ta' kumpaniji attivi f'soluzzjonijiet ta' software, l-enerġija sostenibbli u l-applikazzjonijiet mediċi. Bħala parti mill-istess grupp, Colruyt hija wkoll attiva fid-distribuzzjoni bl-imnut ta' prodotti tal-konsum ta' kuljum fil-Belġju, il-Lussemburgu u Franza;

— għal Kerry: il-manifattura ta' ingredjenti tal-ikel u aromatizzanti tal-ikel, ix-xorb u l-industrija farmaċewtika;

— għal Proparent: l-iżvilupp u l-manifattura ta' prodotti tal-proteini bbażata fuq il-pjanti li jservu bħala sostituti tal-laħam u l-ħut.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8838 — Kerry Group/Korys Investments/Proparent

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË